REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1400/2007

tat-28 ta' Novembru 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi bl-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji ta' l-ajru (trasportaturi bl-ajru) li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija ta' l-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 [2] tat-22 ta' Marzu 2006 li stabbilixxa l-lista Komunitarja ta' trasportaturi bl-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità msemmi fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(2) F'konformità ma' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, xi wħud mill-Istati Membri kkomunikaw informazzjoni lill-Kummissjoni li hija rilevanti fil-kuntest ta' l-aġġornar tal-lista Komunitarja. Ġiet ikkomunikata wkoll informazzjoni rilevanti minn pajjiżi terzi. Fuq bażi ta' dan, il-lista Komunitarja għandha tiġi aġġornata.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lit-trasportaturi bl-ajru kollha kkonċernati jew direttament jew, meta dan ma setax isir, bl-għajnuna ta' l-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza regolatorja tagħhom, filwaqt li indikatilhom il-fatti prinċipali u l-kunsiderazzjonijiet li kellhom jiffurmaw il-bażi tad-deċiżjoni li tiġi imposta fuqhom projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità jew li jiġu mmodifikati l-kundizzjonijiet tal-projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq trasportatur bl-ajru inkluż fil-lista Komunitarja.

(4) Il-Kummissjoni tat l-opportunità lit-trasportaturi bl-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumenti pprovduti mill-Istati Membri, jissottomettu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjonijiet orali lill-Kumissjoni fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol u lill-Kumitat tas-Sikurezza ta' l-Ajru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili [3].

(5) L-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza regolatorja fuq it-trasportaturi bl-ajru kkonċernati ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni kif ukoll, f'xi każijiet speċifiċi, minn xi wħud mill-Istati Membri.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 għandu għaldaqstant jiġi emendat.

Blue Wing Airlines

(7) Wara l-analiżi tad-dokumentazzjoni sottomessa minn Blue Wing Airlines relatata mal-progress li kien għamel fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' l-azzjoni korrettiva tiegħu, u wara l-approvazzjoni u l-valutazzjoni pożittiva ta' din id-dokumentazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tas-Surinam, hemm biżżejjed evidenza x'turi li dan it-trasportatur ġab fi tmiemhom b'suċċess l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa biex jiġu eliminati n-nuqqasijiet li kienu wasslu għall-inklużjoni tiegħu fil-lista Komunitarja.

(8) Fuq bażi tal-kriterji komuni, qiegħed jitqies li Blue Wing Airlines ħa l-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonforma ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza u għaldaqstant jista' jiġi rtirat mill-Anness A.

Pakistan International Airlines

(9) Pakistan International Airlines issottometta lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li tikkonferma l-azzjonijiet korrettivi meħuda biex jiġu eliminati n-nuqqasijiet fis-sikurezza fil-bqija ta' l-ajruplani fil-flotta tiegħu tat-tip Airbus A-310 (numri tar-reġistrazzjoni: AP-BDZ, AP-BEB, AP-BGO, AP-BEQ, AP-BGS u AP-BGQ) u Boeing B-747-300 (numri tar-reġistrazzjoni: AP-BFW, AP-BFV, AP-BFY) li għadhom suġġetti għal restrizzjonijiet operattivi. L-awtoritajiet kompetenti tal-Pakistan approvaw dawk il-miżuri.

(10) Bħala konsegwenza, fuq il-bażi ta' kriterji komuni, huwa valutat li l-iskema attwali ta' restrizzjonijiet operazzjonali imposti fuq Pakistan International Airlines għandha tintemm, u t-trasportatur jitneħħa mill-Anness B.

[1] ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.
[2] ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1043/2007 (ĠU L 239, 12.9.2007, p. 50).
[3] ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1900/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 377, 27.12.2006, p. 177).

(11) L-awtoritajiet kompetenti tal-Pakistan ftehmu li, qabel ma kull ajruplan konċernat jerġa jibda jopera fil-Komunità, u inkluz l-ajruplan msemmi fir-reċita 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 787/2007 [1], għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri ta' l-ajruport tad-destinazzjoni, kif ukoll lill-Kummissjoni, b'rapport ta' spezzjoni tas-sikurezza ta' l-ajruplan li ma jridx ikun sar aktar minn 72 siegħa qabel ma l-ajruplan ikun ser jopera. L-Istat Membru rilevanti, meta jirċievi r-rapport, jista' jekk meħtieġ, jieħu mizuri xierqa skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Kif jasal, trid issir spezzjoni SAFA sħiħa fuq l-art ta' l-ajruplan, u dan ir-rapport irid jintbagħat mingħajr dewmien lill-Kummissjoni, li trid tibagħtu wkoll lill-Istati Membri l-oħra. L-Istati Membri beħsiebhom jivverifikaw b'mod sistematiku l-konformità effettiva ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz ta' prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fuq l-art li jridu jsiru fuq ajruplani ta' dan it-trasportatur.

Mahan Air

(12) Wara l-preżentazzjoni ta' pjan rivedut ta' l-azzjonijiet korrettivi u d-dokumentazzjoni ta' sostenn minn Mahan Air relatata ma' l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan, u wara l-approvazzjoni u l-valutazzjoni pożittiva tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Islamika ta' l-Iran, hemm biżżejjed evidenza x'turi li t-trasportatur jinsab fil-proċess li jimplimenta azzjonijiet korrettivi biex jiġu eliminati n-nuqqasijiet li kienu wasslu għall-inklużjoni tiegħu fil-lista Komunitarja.

(13) Madankollu, minkejja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi fil-qasam ta' manutenzjoni u inġinerija, hemm nuqqasijiet maġġuri verifikati fil-kapaċità ssoktata għat-titjir ta' ċerti ajruplani operati fil-Komunità li wasslu għal bidu ta' proċedura ta' sospensjoni taċ-ċertifikat tal-kapaċità għat-titjir ta' dawn l-ajruplani, kif ukoll hemm evidenza verifikata rigward nuqqasijiet maġġuri fir-rekwiżiti ta' manutenzjoni. Barra minn hekk, ġie kkunsidrat li huma meħtieġa aktar aġġustamenti fil-pjan ta' l-azzjonijiet korrettivi fil-qasam ta' operazzjonijiet, li għalhekk ġew mitluba [2].

(14) Abbażi tal-kriterji komuni, huwa valutat illi f'dan l-istadju, Mahan Air ma wriex il-ħila li jieħu kwalunkwe miżura meħtieġa biex jikkonforma ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza u għalhekk għandu jibqa' fl-Anness A. Il-Kummissjoni tinnota r-rieda ta' l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Islamika ta' l-Iran biex iżidu l-eżerċizzju tar-responabbiltajiet tagħhom ta' sorveljanza bil-għan li jtejbu s-sikurezza u jikkooperaw mill-qrib mal-Kummissjoni għal dan il-għan.

Ukrainian Mediterranean Airlines

(15) Wara l-preżentazzjoni ta' pjan rivedut ta' l-azzjonijiet korrettivi u d-dokumentazzjoni ta' sostenn minn Ukrainian Mediterranean Airlines relatat ma' l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan, u wara l-approvazzjoni u l-valutazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina, hemm evidenza li t-trasportatur jinsab fil-proċess li jimplimenta azzjonijiet korrettivi biex jiġu eliminati n-nuqqasijiet li kienu wasslu għall-inklużjoni tiegħu fil-lista Komunitarja. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina spezzjonaw it-trasportatur u ħarġu Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru ġdid b'perjodu ta' validità ta' tnax-il xahar sal-15 ta' Ottubru 2008. Madankollu skond preżentazzjonijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina bid-data tat-13 ta' Novembru 2007, l-awtoritajiet għadhom imħassbin dwar kontroll insuffiċjenti mit-tmexxija ta' l-operatur ta' l-ajru fuq nuqqassijiet ripetuti u l-kwalità ta' rekords tal-preparazzjoni għat-titjira. Barra minn hekk, skond l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina, il-frekwenza ta' sejbiet ħal dawn ma jippermtulhomx li jikkonkludu s-solidità u s-sostenibbiltà tat-titjib fit-trasportatur minkejja l-bidliet pożittivi. Fl-aħħarnett l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina jistqarru li t-trasportatur "jeħtieġ bosta riżorsi u ħafna ħin biex jikkonforma ma' l-istandards xierqa".

(16) Fuq bażi tal-kriterji komuni, qiegħed jiġi vvalutat li Ukrainian Mediterranean Airlines ma wriex l-ħila li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonforma ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza u għaldaqstant għandu jibqa' fl-Anness A.

(17) Il-Kummissjoni tieħu nota ta' l-impenn ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina biex itejbu s-sorveljanza ta' dan l-operatur bil-ħsieb li l-implimentazzjoni xierqa tal-pjan ta' azzjonijiet korrettivi tkun aċċellarata.

Hewa Bora Airways

(18) Hewa Bora Airways waqaf jopera fil-Komunità għal dawn l-aħħar erba' xhur bl-ajruplan tat-tip Boeing B767-266ER, Nru ta' kos. 23 178, u bin-numru ta' reġistrazzjoni 9Q-CJD, li bih kien ġie awtorizzat li jopera kif previst fir-Regolament (KE) Nru 235/2007. Minflok, dan qiegħed jopera fil-Komunità taħt ftehim ta' kiri ta' ajruplani bl-ekwipaġġ (ACMI) ma' trasportatur bl-ajru Belġjan.

(19) Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li ma hemmx tibdil fl-istatus tat-trasportatur u li l-ajruplan tat-tip Boeing B767-266ER, nru ta' kos.23 178 għandu jitħalla inkluż fl-Anness B.

[1] ĠU L 175, 5.7.2007, p. 10.

[2] L-ittra mis-servizzi tal-Kummissjoni indirizzata lil Mahan Air tad-19 ta' Ottubru 2007 - ppreżentata wkoll lil Ordinatur Ewlieni ta' l-Iran fl-istess data.

Trasportaturi bl-ajru mill-Ginea Ekwatorjali

(20) L-intrapriża Cronos Airlines infurmat lill-Kummissjoni li kienet ingħatat Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru mill-awtoritajiet tal-Ginea Ekwatorjali. Billi dan it-trasportatur bl-ajru ġdid ġie ċċertifikat mill-awtoritajiet tal-Ginea Ekwatorjali li wrew nuqqas ta' ħila biex jagħmlu sorveljanza adegwata tas-sikurezza, għandu jiġi inkluż fl-Anness A.

(21) L-awtoritajiet tal-Ginea Ekwatorjali pprovdew lill-Kummissjoni b'informazzjoni aġġornata rigward l-operat tat-trasportaturi ċċertifikati minn dawn l-awtoritajiet. B'mod partikolari, dawn l-awtoritajiet stqarrew li Guinea Airways kien waqqaf l-operat tiegħu. Madankollu, m'hemm ebda evidenza ta' l-irtirar taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru ta' dak it-trasportatur bl-ajru. Għalhekk, mingħajr din l-informazzjoni, dan it-trasportatur ma jistax, f'dan l-istadju, jiġi rtirat mill-Anness A.

Trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika Kirgiża

(22) L-awtoritajiet tar-Repubblika Kirgiża pprovdew lill-Kummissjoni b'evidenza ta' l-irtirar taċ-Ċertifikati ta' Operatur ta' l-Ajru ta' World Wing Aviation għal raġunijiet ta' sikurezza. Billi dan it-trasportatur ċċertifikat fir-Repubblika Kirgiża konsegwentement waqqaf l-attivitajiet tiegħu, għandu jiġi rtirat mill-Anness A.

Trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika ta' l-Indoneżja

(23) Wara l-istedina mid-Direttorat Ġenerali ta' l-Avjazzjoni Ċivili Indoneżjana (DĠAĊ), tim ta' esperti Ewropej mexxew missjoni ta' ġbir ta' fatti fl-Indoneżja mill-5 sad-9 ta' Novembru 2007. Ir-rapport tiegħu juri li d-DĠAĊ fl-2007 kien diġà beda jieħu xi azzjonijiet korrettivi biex itejbulu l-ħila li jimplimenta u jinforza l-istandards rilevanti tas-sikurezza. Id-DĠAĊ qal fi stqarrija li matul l-2007 kien beda jirristruttura id-DĠAĊ u kien ta poteri aktar lill-ispetturi tiegħu. Madankollu, din turi wkoll li l-funzjonijiet ta' sorveljanza tas-sikurezza fuq it-trasportaturi ċċertifikati ma setgħux jiġu esegwiti bis-sħiħ matul l-ewwel għaxar xhur ta' l-2007. Mill-bidu ta' l-2008, id-DĠAĊ bi ħsiebu jikseb riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali biex jissodisfa l-obbligi tiegħu skond il-Konvenzjoni ta' Chicago. Il-Kummissjoni nnotat dan il-progress, u tħeġġeġ bis-sħiħ lid-DĠAĊ biex jimplimenta l-azzjonijiiet korrettivi kollha ppreżentati lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni madankollu tikkunsidra, li l-istatus attwali ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet korrettivi mid-DĠAĊ ta' l-Indoneżja ma jippermettix, f'dan l-istadju t-tneħħija tal-projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq it-trasportaturi kollha ċċertifikati minn din l-awtorità.

(24) L-awtoritajiet ta' l-Indoneżja pprovdew lill-Kummissjoni b'lista aġġornata tat-trasportaturi bl-ajru li għandhom Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru. Fil-preżent, it-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fl-Indoneżja huma dawn li ġejjin: Garuda Indonesia, Merpati Nusantara, Kartika Airlines, Mandala Airlines, Trigana Air Service (AOCs 121-006 u 135-005), Metro Batavia, Pelita Air Service (AOCs 121-008 u 135-001), Indonesia Air Asia, Lion Mentari Airlines, Wing Adabi Nusantara, Cardig Air, Riau Airlines, Trans Wisata Prima Aviation, Tri MG Intra Airlines (AOCs 121-018 u 135-037), Ekspres Transportasi Antar Benua (AOCs 121-019 u 135-032), Manunggal Air Service, Megantara Airlines, Sriwijaya Air, Adam Skyconnection Airlines, Travel Expres Airlines, Republic Expres Airlines, Airfast Indonesia, Travira Utama, Derazona Air Service, National Utility Helicopter, Deraya Air Taxi, Dirgantara Air Service, SMAC, Kura-Kura Aviation, Indonesia Air Transport, Gatari Air Service, Intan Angkasa Air Service, Air Pacific Utama, Transwisata Prima Aviation, Asco Nusa Air Transport, Pura Wisata Baruna, Panarbangan Angkasa Semesta, Asi Pujiastuti, Aviastar Mandiri, Dabi Air Nusantara, Balai Kalibrasi Fasilitas Penerbangan, Sampurna Air Nusantara, u Eastindo. Il-lista Komunitarja għandha tiġi aġġornata b'dan u dawn it-trasportaturi għandhom jiġu inklużi fl-Anness A.

TAAG Angola Airlines

(25) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Angola ssottomettew lill-Kummissjoni pjan ġdid ta' azzjoni korrettiva mmirat li jtejbilhom il-kapaċità li jimplimentaw u jinforzaw l-istandards rilevanti tas-sikurezza fir-rigward tat-trasportatur TAAG Angola Airlines, kif ukoll li jindirizza l-kwistjonijiet tas-sikurezza mressqa mill-ICAO matul il-verifika ICAO USOAP ta' l-2004.

(26) It-trasportatur TAAG Angola Airlines issottometta lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-azzjonijiet korrettivi li qegħdin jiġu implimentati biex b'hekk jindirizza l-kawżi prinċipali tan-nuqqasijiet tas-sikurezza li ġew identifikati waqt spezzjonijiet fuq l-art imwettqa skond il-programm ta' l-SAFA, u fejn indikat in-natura sistematika tan-nuqqasijiet imsemmija.

(27) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforz li għamel it-trasportatur sabiex jilħaq il-miżuri meħtieġa biex jikkonforma ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza, kif ukoll id-dispożizzjoni qawwija għal kolloborazzjoni li wrew kemm it-trasportatur u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Angola. Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra li deċiżjoni biex tirtira TAAG Angola Airlines mil-lista Komunitarja hija primatura f'dan l-istadju, għax għad baqa' nuqqasijiet sinifikanti ta' sikurezza li jridu jiġu indirizzati, kif ukoll il-proċess taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tat-trasportatur mill-awtoritajiet kompetenti. Il-Kummissjoni ser tmur fuq il-post biex tivverifika l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-azzjonijiet korrettivi li t-trasportatur għadu qiegħed fil-proċess li jispiċċa.

Trasportaturi bl-ajru mill-Albanija

(28) Fid-29 ta' Awissu 2007 l-Awtorità ta' l-Avjazzjoni Ċivili Albaniża ssottomettiet lill-Kummissjoni pjan komprensiv ta' azzjoni għall-irkuprar, fejn impenjat ruħha li tipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti regolari ta' aġġornament dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' l-imsemmi pjan.

(29) L-ewwel rapport ta' aġġornament, sottomess mill-Awtorità ta' l-Avjazzjoni Ċivili Albaniża fil-5 ta' Novembru 2007, juri li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Albanija għamlu progress fl-implimentazzjoni ta' l-imsemmi pjan ta' azzjoni u li beħsiebhom jispiċċaw l-implimentazzjoni tiegħu sa tmien l-2008. L-impenn tagħhom li jtejbu l-kapaċitajiet tagħhom fis-sorveljanza tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni kompla jiġi kkorroborat bir-rapport ta' l-aħħar żjara tal-valutazzjoni mwettqa fl-Albanija mit-22 sas-26 ta' Ottubru 2007 fi ħdan il-qafas ta' l-Ispazju Komuni Ewropew għall-Avjazzjoni (ECAA).

(30) Il-Kummissjoni bi ħsiebha tibqa' timmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjonijiet korrettivi permezz ta' l-aġġornamenti regolari miftiehma li għandhom jiġu sottomessi mill-Awtoritajiet Albaniżi. L-Istati Membri bi ħsiebhom jivverifikaw b'mod sistematiku l-konformità effettiva ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza bi speżzjonijiet fl-art li għandhom isiru fuq ajruplani ta' dawn it-trasportaturi bl-ajru.

Trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Moldova

(31) Il-Kummissjoni eżaminat il-pjan ta' azzjonijiet korrettivi ta' l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Moldova li ġie sottomess fit-3 ta' Settembru 2007 u ġie nnotat l-istatus ta' l-implimentazzjoni tiegħu. Il-pjan ta' azzjoni sottomess joffri soluzzjonijiet sostenibbli għall-għadd preżenti ta' trasportaturi ċċertifikati mir-Repubblika tal-Moldova.

(32) Għalhekk il-Kummissjoni tikkonsidra li, sakemm l-għadd ta' operaturi taħt is-sorveljanza regolatorja ta' l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Moldova jinżamm fil-livell preżenti, il-miżuri meħudin minn dawn l-awtoritajiet ikunu biżżejjed biex tiġi ristabbilita l-kapaċità tagħhom fl-eżekuzzjoni tar-responsabbiltajiet ta' sorveljanza li għandhom f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Chicago. Sabiex jiġi żgurat li dawn il-miżuri jipprovdu soluzzjoni sostenibbli tan-nuqqasijiet li jkunu ġew identifikati qabel, il-Kummissjoni bi ħsiebha tibqa' timmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjonijiet korrettivi. L-Istati Membri bi ħsiebhom jivverifikaw b'mod sistematiku l-konformità effettiva ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fuq l-art li għandhom isiru fuq ajruplani ta' trasportaturi bl-ajru liċenzjati minn dawn l-awtoritajiet u jittrażmettu r-riżultati ta' dawn l-ispezzjonijiet minghajr dewmien lill-Kummissjoni.

Trasportaturi bl-ajru mill-Federazzjoni Russa

(33) Wara diskussjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa u l-Kummissjoni u l-preżentazzjoni ta' evidenza ta' verifika minghand ta' l-ewwel ta' l-azzjonijiet korrettivi li ġew implimentati mit-trasportaturi bl-ajru li kienu ġew suġġetti għal restrizzjonijiet operattivi mit-23 ta' Ġunju 2007, l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa ddeċidew fit-26 ta' Novembru 2007 li jimmodifikaw ir-restrizzjonijiet fuq l-operat imposti qabel bħala riżultat tad-deċiżjoni tat-23 ta' Ġunju 2007. Għalhekk skond din id-deċiżjoni, tneħħiet il-projbizzjoni shiha fuq l-operat tal-kumpaniji Kuban Airlines, Yakutia Airlines, Kavminvodyavia.

(34) Permezz ta' l-istess deċiżjoni, xi trasportaturi bl-ajru huma awtorizzati li joperaw fil-Komunità b'tagħmir speċifiku biss: dawn it-trasportaturi bl-ajru huma dawn li ġejjin: Krasnoyarsk Airlines: ajruplan Boeing-737 (EI-DNH/DNS/DNT/CBQ/CLŻ/CLW), Boeing-757 (EI-DUA/DUD/DUC/DUE), Boeing-767 (EI-DMP/DMH), Tu-214 (RA-65508), Ru-154M (RA-85720); Ural Airlines: ajruplan A-320 (VP-BQY/BQZ), Tu-154M (RA-85807/85814/85833/85844); Gazpromavia: ajruplan Falcon-900 (RA-09000/09001/09006/09008); Atlant-Soyuz: ajruplan Boeing-737 (VP-BBL/BBM), Tu-154M (RA-85709/85740); UTAir: ajruplan ATR-42 (VP-BCB/BCF/BPJ/BPK), Gulfstream IV (RA-10201/10202), Tu-154M (RA-85805/85808); Kavminvodyavia: ajruplan Tu-204 (RA-64022/64016), Tu-154M (RA-85715/85826/85746); Kuban Airlines: ajruplan Yak-42 (RA-42386/42367/42375); Air Company Yakutia: ajruplan Tu-154M (RA-85700/85794) u Boeing-757-200 (VP-BFI); Airlines 400: ajruplan Tu-204 (RA-64018/64020).

(35) Barra minn hekk, skond id-deċiżjoni msemmija hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa imponew restrizzjonijiet operattivi fuq ajruplani speċifiċi ta' Orenburg Airlines – ajruplan Tu 154 (RA-85768) u B-737-400 (VP-BGQ), Air Company Tatarstan – ajruplan Tu-154 (RA-85101 u RA-85109); Air Company Sibir – ajruplan B-737-400 (VP-BTA) u Rossija – ajruplan Tu-154 (RA-85753 u RA-85835). Dawn l-ajruplani ma jitħallewx joperaw fil-Komunità. Permezz ta' l-istess deċiżjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa ser jippreżentaw lill-Kummissjoni sa l-20 ta' Frar 2008 l-valutazzjoni tagħhom wara verifika tat-tkomplija u l-effikaċja ta' l-azzjonijiet korrettivi li t-trasportaturi konċernati impenjaw ruhom li jispiċċaw qabel dik id-data. Ta' min jiftakar li l-ajruplani kollha mibnija mill-ex-Unjoni Sovjetika rreġistrati fil-Federazzjoni Russa li joperaw b'mod kummerċjali għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit tal-Volum 1, il-Parti II tal-Kapitolu 3 ta' l-Anness 16 għall-Konvenzjoni ta' Chicago.

(36) Il-Kummissjoni tinnota d-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa, u b'mod partikolari l-fatt li l-miżuri msemmija fiha mhux ser jiġu modifikati sakemm in-nuqqasijiet ta' sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru konċernati jitrangaw għas-sodisfazzjon reċiproku ta' kemm l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa kif ukoll tal-Kummissjoni u li kwalunkwe modifika ta' dawn il-miżuri tista' tiġi adottata biss mill-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni. Tinnota wkoll il-fatt li t-trasportaturi bl-ajru Russi kollha li joperaw servizzi internazzjonali, inkluż fil-Komunità, huma infurmati, li kwalunkwe speżzjoni fuq l-art li tirriżulta f'sejbiet sinifikanti (kategorija 2) u maġġuri (kategorija 3), jekk ma jitrangawx kif suppost, iwasslu għal restrizzjonijiet operattivi imposti mill-awtoritajiet Russi. Fl-aħħarnett, l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa, permezz tad-deċiżjoni tagħhom, impenjaw ruħhom li jippreżentaw lill-Kummissjoni r-riżultati ta' l-ispezzjonijiet u l-verifiki tat-trasportaturi bl-ajru li jsiru minn dawn l-awtoritajiet.

(37) Dawn l-iżviluppi ġew innotati mill-Kummissjoni u bi ħsiebha tivverifika l-evidenza ta' l-azzjonijiet korrettivi li ġew implimentati mit-trasportaturi bl-ajru kkonċernati qabel l-aġġornament li jmiss tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(38) Sadanittant, l-Istati Membri bi ħsiebhom jivverifikaw b'mod sistematiku l-konformità effettiva ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fuq l-art li għandhom isiru fuq l-ajruplani ta' dawn it-trasportatur bl-ajru u jittrażmettu r-riżultati ta' dawn l-ispezzjonijiet mingħajr dewmien lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti dawn ir-riżultati kull xahar lill-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa.

Trasportaturi bl-ajru mill-Bulgarija

(39) Kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 787/2007, l-awtoritajiet kompetenti tal-Bulgarija infurmaw lill-Kummissjoni bir-revoka taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru tat-trasportaturi Vega Airlines, Bright Aviation, Scorpion Air u Air Sofia, bis-sospensjoni taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru ta' Air Scorpio u bir-restrizzjonijiet operattivi imposti fuq l-ajruplani tat-trasportatur Heli Air li ma kellhomx it-tagħmir tas-sikurezza obbligatorju meħtieġ (EGPWS U TCAS) sabiex jagħmlu titjiriet sikuri fil-Komunità.

(40) L-awtoritajiet kompetenti tal-Bulgarija ppreżentaw dokumentazzjoni lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-miżuri meħudin minn dawn l-awtoritajiet wara l-adozzjoni tal-miżuri msemmija fir-reċitazzjonijiet 38 u 39 tar-Regolament (KE) Nru 787/2007.

(41) Għaldaqstant, dawn l-awtoritajiet irrapportaw it-tneħħija mir-reġistru Bulgaru ta' kull ajruplan tat-tip Antonov 12 tat-trasportaturi bl-ajru Scorpion Air, Bright Aviation Services u Vega Airlines. L-istess miżura ttieħdet rigward l-ajruplani ta' l-istess tip ta' Air Sofia bl-eċċezzjoni ta' ajruplan wieħed li ċ-Ċertifikat ta' Kapaċità għat-Titjir tiegħu skada f'Lulju 2007 u li għandu jitneħħa mir-reġistru Bulgaru fit-30 ta' Jannar 2008 Fir-rigward ta' Air Scorpio, wara s-sospensjoni taċ-Certifikat ta' Operatur ta' l-Ajru tiegħu, l-intrapriża qiegħda teżerċita taħriġ ta' titjir u operat mhux kummerċjali.

(42) Fir-rigward tal-Heli Air, l-awtoritajiet kompetenti tal-Bulgarija infurmaw li t-trasportatur mistenni jkun f'pożizzjoni li jopera l-ajruplani kollha tal-flotta tiegħu tat-tip LET L 410 mgħammra kompletament bit-tagħmir tas-sikurezza obbligatorju meħtieġ (EGPWS u TCAS) u għalhekk ikun jista' jiżgura operat sikur fil-Komunità sa mhux aktar tard mill-5 ta' Diċembru 2007.

(43) Dawn il-miżuri ġew innotati mill-Kummissjoni u din tirrikonoxxi l-isforzi kontinwi li qegħdin jagħmlu l-awtoritajiet kompetenti tal-Bulgarija biex itejbu l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet ta' sorveljanza. Il-Kummissjoni tappoġġa l-isforzi ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Bulgarija biex jissoktaw bl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet ta' sorveljanza. Din mistennija tkompli timmonitorja l-proċess bl-assistenza ta' l-EASA u l-Istati Membri.

Kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar it-trasportaturi l-oħra inklużi fl-Annessi A u B

(44) Sa issa ma ġiet ikkomunikata ebda evidenza lill-Kummissjoni għad illi din issottomettiet talbiet speċifiċi ta' l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-azzjonijiet rimedjali xierqa mit-trasportaturi l-oħra inklużi fil-lista Komunitarja aġġornata fil-11 ta' Settembru 2007 u mill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza regolatorja ta' dawn it-trasportaturi bl-ajru. Għalhekk, fuq bażi tal-kriterji komuni, qiegħed jitqies li dawn it-trasportaturi bl-ajru għandhom ikomplu jkunu suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat (Anness A) jew restrizzjonijiet fuq l-operat (Anness B), skond xi jkun il-każ.

(45) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza ta' l-Ajru.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness A huwa sostitwit bl-Anness A ta' dan ir-Regolament.

(2) L-Anness B huwa sostitwit bl-Anness B ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2007.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Viċi President

ANNESS A

LISTA TA' TRASPORTATURI BL-AJRU LI L-OPERAZZJONIJIET KOLLHA TAGĦHOM HUMA SUĠĠETTI GĦAL PROJBIZZJONI FI ĦDAN IL-KOMUNITÀ [1]

Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC (u l-isem kummerċjali, jekk dan ikun differenti)	In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (AOC) jew tal-Liċenzja ta' l-Operat	Numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO għal-linja ta' l-ajru	L-Istat ta' l-Operatur
AIR KORYO	Mhux magħruf	KOR	Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (DPRK)
AIR WEST CO. LTD	004/A	AWZ	Is-Sudan
ARIANA AFGHAN AIRLINES	009	AFG	L-Afganistan
MAHAN AIR	FS 105	IRM	Ir-Repubblika Islamika ta' l-Iran
SILVERBACK CARGO FREIGHTERS	Mhux magħruf	VRB	Ir-Rwanda
TAAG ANGOLA AIRLINES	001	DTA	L-Angola
UKRAINIAN MEDITERRANEAN AIRLINES	164	UKM	L-Ukraina
VOLARE AVIATION ENTREPRISE	143	VRE	L-Ukraina
It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC) responsabbli missorveljanza regolatorja, inklużi,		—	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
AFRICA ONE	409/CAB/MIN/TC/0114/2006	CFR	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
AFRICAN AIR SERVICES COMMUTER SPRL	409/CAB/MIN/TC/0005/2007	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
AIGLE AVIATION	409/CAB/MIN/TC/0042/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
AIR BENI	409/CAB/MIN/TC/0019/2005	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
AIR BOYOMA	409/CAB/MIN/TC/0049/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
AIR INFINI	409/CAB/MIN/TC/006/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
AIR KASAI	409/CAB/MIN/TC/0118/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
AIR NAVETTE	409/CAB/MIN/TC/015/2005	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
AIR TROPIQUES S.P.R.L.	409/CAB/MIN/TC/0107/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)

[1] It-trasportaturi bl-ajru elenkati fl-Anness A jistgħu jithallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku billi jużaw ajruplani mikrija bl-ekwipaġġ minghand trasportatur bl-ajru li ma jkunx suġġett għall-projbizzjoni fuq l-operat, sakemm l-istandards rilevanti tas-sikurezza jkunu osservati.

Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC (u l-isem kummerċjali, jekk dan ikun differenti)	In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (AOC) jew tal-Liċenzja ta' l-Operat	Numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO għal-linja ta' l-ajru	L-Istat ta' l-Operatur
BEL GLOB AIRLINES	409/CAB/MIN/TC/0073/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
BLUE AIRLINES	409/CAB/MIN/TC/0109/2006	BUL	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
BRAVO AIR CONGO	409/CAB/MIN/TC/0090/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
BUSINESS AVIATION S.P.R.L.	409/CAB/MIN/TC/0117/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
BUTEMBO AIRLINES	409/CAB/MIN/TC/0056/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
CARGO BULL AVIATION	409/CAB/MIN/TC/0106/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
CETRACA AVIATION SERVICE	409/CAB/MIN/TC/037/2005	CER	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
CHC STELLAVIA	409/CAB/MIN/TC/0050/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
COMAIR	409/CAB/MIN/TC/0057/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
COMPAGNIE AFRICAINE D'AVIATION (CAA)	409/CAB/MIN/TC/0111/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
DOREN AIR CONGO	409/CAB/MIN/TC/0054/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
EL SAM AIRLIFT	409/CAB/MIN/TC/0002/2007	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
ESPACE AVIATION SERVICE	409/CAB/MIN/TC/0003/2007	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
FILAIR	409/CAB/MIN/TC/0008/2007	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
FREE AIRLINES	409/CAB/MIN/TC/0047/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
GALAXY INCORPORATION	409/CAB/MIN/TC/0078/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
GOMA EXPRESS	409/CAB/MIN/TC/0051/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
GOMAIR	409/CAB/MIN/TC/0023/2005	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)

Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC (u l-isem kummerċjali, jekk dan ikun differenti)	In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (AOC) jew tal-Liċenzja ta' l-Operat	Numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO ghal-linja ta' l-ajru	L-Istat ta' l-Operatur
GREAT LAKE BUSINESS COMPANY	409/CAB/MIN/TC/0048/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
I.T.A.B. — INTERNATIONAL TRANS AIR BUSINESS	409/CAB/MIN/TC/0022/2005	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
KATANGA AIRWAYS	409/CAB/MIN/TC/0088/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
KIVU AIR	409/CAB/MIN/TC/0044/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
LIGNES AÉRIENNES CONGOLAISES	Firma ministerjali (ordinanza 78/205)	LCG	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
MALU AVIATION	409/CAB/MIN/TC/0113/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
MALILA AIRLIFT	409/CAB/MIN/TC/0112/2006	MLC	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
MANGO AIRLINES	409/CAB/MIN/TC/0007/2007	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
PIVA AIRLINES	409/CAB/MIN/TC/0001/2007	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
RWAKABIKA BUSHI EXPRESS	409/CAB/MIN/TC/0052/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
SAFARI LOGISTICS SPRL	409/CAB/MIN/TC/0076/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
SAFE AIR COMPANY	409/CAB/MIN/TC/0004/2007	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
SERVICES AIR	409/CAB/MIN/TC/0115/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
SUN AIR SERVICES	409/CAB/MIN/TC/0077/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
TEMBO AIR SERVICES	409/CAB/MIN/TC/0089/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
THOM'S AIRWAYS	409/CAB/MIN/TC/0009/2007	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
TMK AIR COMMUTER	409/CAB/MIN/TC/020/2005	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
TRACEP CONGO	409/CAB/MIN/TC/0055/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)

Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC (u l-isem kummerċjali, jekk dan ikun differenti)	In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (AOC) jew tal-Liċenzja ta' l-Operat	Numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO għal-linja ta' l-ajru	L-Istat ta' l-Operatur
TRANS AIR CARGO SERVICE	409/CAB/MIN/TC/0110/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
TRANSPORTS AERIENS CONGOLAIS (TRACO)	409/CAB/MIN/TC/0105/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
VIRUNGA AIR CHARTER	409/CAB/MIN/TC/018/2005	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
WIMBI DIRA AIRWAYS	409/CAB/MIN/TC/0116/2006	WDA	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
ZAABU INTERNATIONAL	409/CAB/MIN/TC/0046/2006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Ginea Ekwatorjali responsabbli mis-sorveljanza regolatorja, inklużi,			Il-Ginea Ekwatorjali
CRONOS AIRLINES	Mhux magħruf	Mhux magħruf	Il-Ginea Ekwatorjali
EUROGUINEANA DE AVIACION Y TRANSPORTES	2006/001/MTTCT/DGAC/SOPS	EUG	Il-Ginea Ekwatorjali
GENERAL WORK AVIACION	002/ANAC	Mhux disponibbli	Il-Ginea Ekwatorjali
GETRA — GUINEA ECUATORIAL DE TRANSPORTES AEREOS	739	GET	Il-Ginea Ekwatorjali
GUINEA AIRWAYS	738	Mhux disponibbli	Il-Ginea Ekwatorjali
UTAGE — UNION DE TRANSPORT AEREO DE GUINEA ECUATORIAL	737	UTG	Il-Ginea Ekwatorjali
It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' l-Indoneżja responsabbli mis-sorveljanza regolatorja, inklużi,			L-Indoneżja
ADAM SKY CONNECTION AIRLINES	121-036	DHI	L-Indoneżja
AIR PACIFIC UTAMA	135-020	Mhux magħruf	L-Indoneżja
AIRFAST INDONESIA	135-002	AFE	L-Indoneżja
ASCO NUSA AIR TRANSPORT	135-022	Mhux magħruf	L-Indoneżja
ASI PUDJIASTUTI	135-028	Mhux magħruf	L-Indoneżja
AVIASTAR MANDIRI	135-029	Mhux magħruf	L-Indoneżja
BALAI KALIBRASI FASITAS PENERBANGAN	135-031	Mhux magħruf	L-Indoneżja
CARDIG AIR	121-013	Mhux magħruf	L-Indoneżja
DABI AIR NUSANTARA	135-030	Mhux magħruf	L-Indoneżja

Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC (u l-isem kummerċjali, jekk dan ikun differenti)	In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (AOC) jew tal-Liċenzja ta' l-Operat	Numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO ghal-linja ta' l-ajru	L-Istat ta' l-Operatur
DERAYA AIR TAXI	135-013	DRY	L-Indonežja
DERAZONA AIR SERVICE	135-010	Mhux magħruf	L-Indonežja
DIRGANTARA AIR SERVICE	135-014	DIR	L-Indonežja
EASTINDO	135-038	Mhux magħruf	L-Indonežja
EKSPRES TRANSPORTASI ANTAR BENUA	121-019	Mhux magħruf	L-Indonežja
EKSPRES TRANSPORTASI ANTAR BENUA	135-032	Mhux magħruf	L-Indonežja
GARUDA INDONESIA	121-001	GIA	L-Indonežja
GATARI AIR SERVICE	135-018	GHS	L-Indonežja
INDONESIA AIR ASIA	121-009	AWQ	L-Indonežja
INDONESIA AIR TRANSPORT	135-017	IDA	L-Indonežja
INTAN ANGKASA AIR SERVICE	135-019	Mhux magħruf	L-Indonežja
KARTIKA AIRLINES	121-003	KAE	L-Indonežja
KURA-KURA AVIATION	135-016	Mhux magħruf	L-Indonežja
LION MENTARI ARILINES	121-010	LNI	L-Indonežja
MANDALA AIRLINES	121-005	MDL	L-Indonežja
MANUNGGAL AIR SERVICE	121-020	Mhux magħruf	L-Indonežja
MEGANTARA AIRLINES	121-025	Mhux magħruf	L-Indonežja
MERPATI NUSANTARA	121-002	MNA	L-Indonežja
METRO BATAVIA	121-007	BTV	L-Indonežja
NATIONAL UTILITY HELICOPTER	135-011	Mhux magħruf	L-Indonežja
PELITA AIR SERVICE	121-008	PAS	L-Indonežja
PELITA AIR SERVICE	135-001	PAS	L-Indonežja
PENERBANGAN ANGKASA SEMESTA	135-026	Mhux magħruf	L-Indonežja
PURA WISATA BARUNA	135-025	Mhux magħruf	L-Indonežja
REPUBLIC EXPRES AIRLINES	121-040	RPH	L-Indonežja
RIAU AIRLINES	121-016	RIU	L-Indonežja
SAMPURNA AIR NUSANTARA	135-036	Mhux magħruf	L-Indonežja

Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC (u l-isem kummerċjali, jekk dan ikun differenti)	In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (AOC) jew tal-Liċenzja ta' l-Operat	Numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO għal-linja ta' l-ajru	L-Istat ta' l-Operatur
SMAC	135-015	SMC	L-Indonežja
SRIWIJAYA AIR	121-035	SJY	L-Indonežja
TRANS WISATA PRIMA AVIATION	121-017	Mhux magħruf	L-Indonežja
TRANSWISATA PRIMA AVIATION	135-021	Mhux magħruf	L-Indonežja
TRAVEL EXPRES AIRLINES	121-038	XAR	L-Indonežja
TRAVIRA UTAMA	135-009	Mhux magħruf	L-Indonežja
TRI MG INTRA AIRLINES	121-018	TMG	L-Indonežja
TRI MG INTRA AIRLINES	135-037	TMG	L-Indonežja
TRIGANA AIR SERVICE	121-006	TGN	L-Indonežja
TRIGANA AIR SERVICE	135-005	TGN	L-Indonežja
WING ABADI NUSANTARA	121-012	WON	Indonesia
It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Kirgiża responsabbli mis-sorveljanza regolatorja, inklużi,		—	Ir-Repubblika Kirgiża
AIR CENTRAL ASIA	34	AAT	Ir-Repubblika Kirgiża
AIR MANAS	17	MBB	Ir-Repubblika Kirgiża
ASIA ALPHA AIRWAYS	32	SAL	Ir-Repubblika Kirgiża
AVIA TRAFFIC COMPANY	23	AVJ	Ir-Repubblika Kirgiża
BISTAIR-FEZ BISHKEK	08	BSC	Ir-Repubblika Kirgiża
BOTIR AVIA	10	BTR	Ir-Repubblika Kirgiża
CLICK AIRWAYS	11	CGK	Ir-Repubblika Kirgiża
DAMES	20	DAM	Ir-Repubblika Kirgiża
EASTOK AVIA	15	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Kirgiża
ESEN AIR	2	ESD	Ir-Repubblika Kirgiża
GALAXY AIR	12	GAL	Ir-Repubblika Kirgiża
GOLDEN RULE AIRLINES	22	GRS	Ir-Repubblika Kirgiża
INTAL AVIA	27	INL	Ir-Repubblika Kirgiża
ITEK AIR	04	IKA	Ir-Repubblika Kirgiża
KYRGYZ TRANS AVIA	31	KTC	Ir-Repubblika Kirgiża
KYRGYZSTAN	03	LYN	Ir-Repubblika Kirgiża

Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC (u l-isem kummerċjali, jekk dan ikun differenti)	In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (AOC) jew tal-Liċenzja ta' l-Operat	Numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO ghal-linja ta' l-ajru	L-Istat ta' l-Operatur
KYRGYZSTAN AIRLINES	01	KGA	Ir-Repubblika Kirgiża
MAX AVIA	33	MAI	Ir-Repubblika Kirgiża
OHS AVIA	09	OSH	Ir-Repubblika Kirgiża
S GROUP AVIATION	6	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Kirgiża
SKY GATE INTERNATIONAL AVIATION	14	SGD	Ir-Repubblika Kirgiża
SKY WAY AIR	21	SAB	Ir-Repubblika Kirgiża
TENIR AIRLINES	26	TEB	Ir-Repubblika Kirgiża
TRAST AERO	05	TSJ	Ir-Repubblika Kirgiża
It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli mis-sorveljanza regolatorja	—	—	Il-Liberja
It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sierra Leone responsabbli mis-sorveljanza regolatorja, inklużi,	—	—	Is-Sierra Leone
AIR RUM, LTD	Mhux magħruf	RUM	Is-Sierra Leone
BELLVIEW AIRLINES (S/L) LTD	Mhux magħruf	BVU	Is-Sierra Leone
DESTINY AIR SERVICES, LTD	Mhux magħruf	DTY	Is-Sierra Leone
HEAVYLIFT CARGO	Mhux magħruf	Mhux magħruf	Is-Sierra Leone
ORANGE AIR SIERRA LEONE LTD	Mhux magħruf	ORJ	Is-Sierra Leone
PARAMOUNT AIRLINES, LTD	Mhux magħruf	PRR	Is-Sierra Leone
SEVEN FOUR EIGHT AIR SERVICES LTD	Mhux magħruf	SVT	Is-Sierra Leone
TEEBAH AIRWAYS	Mhux magħruf	Mhux magħruf	Is-Sierra Leone
It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sważiland responsabbli mis-sorveljanza regolatorja, inklużi,	—	—	Is-Sważiland
AERO AFRICA (PTY) LTD	Mhux magħruf	RFC	Is-Sważiland
JET AFRICA SWAZILAND	Mhux magħruf	OSW	Is-Sważiland
ROYAL SWAZI NATIONAL AIRWAYS CORPORATION	Mhux magħruf	RSN	Is-Sważiland
SCAN AIR CHARTER, LTD	Mhux magħruf	Mhux magħruf	Is-Sważiland
SWAZI EXPRESS AIRWAYS	Mhux magħruf	SWX	Is-Sważiland
SWAZILAND AIRLINK	Mhux magħruf	SZL	Is-Sważiland

ANNESS B

LISTA TA' TRASPORTATURI BL-AJRU LI L-OPERAZZJONIJIET TAGĦHOM HUMA SUĠĠETTI GĦAL RESTRIZZJONIJIET OPERAZZJONALI FI ĦDAN IL-KOMUNITÀ [1]

Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali, jekk ikun differenti)	In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (AOC)	In-Numru ta' l-Identifikazzjoni ta' l-ICAO ghal-linja ta' l-ajru	L-Istat ta' l-Operatur	It-Tip ta' l-inġenji ta' l-ajru	Il-marka/i ta' reġistrazzjoni u, fejn disponibbli, numru/i serjali tal-kostruzzjoni	L-stat tar-reġistrazzjoni
AIR BANGLADESH	17	BGD	Il-Bangladexx	B747-269B	S2-ADT	Il-Bangladexx
AIR SERVICE COMORES	06-819/TA-15/ DGACM	KMD	Il-Komoros	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': LET 410 UVP	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': D6-CAM (851336)	Il-Komoros
HEWA BORA AIRWAYS (HBA)	409/CAB/MIN/TC/ 0108/2006	ALX	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': B767-266 ER	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': 9Q-CJD (Nru ta' kos. 23 178)	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)

[1] It-trasportaturi bl-ajru elenkati fl-Anness B jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku billi jużaw ajruplani mikrija bl-ekwipaġġ minghand trasportatur bl-ajru li ma jkunx suġġett ghall-projbizzjoni fuq l-operat, sakemm l-istandards rilevanti tas-sikurezza jkunu osservati.